**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.). LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Geraldine Sammut**
**Christian Micallef**

Kaz Numru: 273/2011

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Geraldine Sammut,** bint Alfred u Concetta neé Portelli, imwielda fis-27 ta' April 1984, residenti fil-fond numru 129, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 21584(G)

u

**Christian Micallef**, bin Angelo u Emanuela neé Portelli, imwieled fis-16 ta' Gunju 1983, residenti fil-fond Ix-Xaghri, Triq

il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 18683(G),

akkuzati talli nhar is-6 ta' Marzu 2011 ghall-habta ta' 05:00hrs fil-kumpless il-Mina, l-Gharb, Ghawdex:

1. kisru l-bon ordni u/jew il-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied;

2. qalu kliem oxxen fil-pubbliku;

3. hebbew ghal Benny Zammit u ghal Kenneth Micallef sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara;

4. ingurjaw u/jew heddu lil Benny Zammit u Kenneth Micallef;

5. fl-istess cirkustanzi hebbew ghal Benny Zammit u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz u kif ukoll l-atti kollha tal-kawza mismugha mal-kawza odjerna.[1]

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 25) fejn gie verbalizzat is-segwenti: *"Il-partijiet ghalhekk jaqblu li x-xhieda kollha li nstemghet fil-kawza "Il-Pulizija vs. Kenneth Micallef et" ghandha tghodd ukoll ghal din il-kawza u l-provi ma hemmx ghalfejn jerghu jinstemghu mill-gdid"*.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 30).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 33).

[1] **Il-Pulizija vs. Benny (Benedict) Zammit u Kenneth Micallef** (Kumpilazzjoni Numru 33/2011).

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 35), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 35).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 38 *et seq.* u *a fol.* 51 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Benny (Benedict) Zammit et** (Kumpilazzjoni Numru 33/2011) f'liema kawza msemmija, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 tal-kawza msemmija, il-Qorti laqghet talba sabiex il-provi migbura fil-kawza msemmija jkunu japplikaw ghall-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi, stante li din il-kawza kienet qed tinstema flimkien mal-kawza msemmija hawn fuq, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni u ghall-korrettezza u sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn, taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Benny (Benedict) Zammit et** (Kumpilazzjoni Numru 33/2011) deciza llum u dana precizament ghal dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn issir riferenza ghax-xhieda mismugha u ghad-dokumenti pprezentati liema parti tas-sentenza msemmija ghandha tifforma parti minn din is-sentenza (vs. Geraldine Sammut et). Dan jghodd ukoll ghal dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn saru l-kunsiderazzjonijiet li saru qabel l-imputazzjonijiet *per se* gew kunsidrati wahda wahda. Ghaldaqstant, anqas l-imputati fil-kawza odjerna ma humiex f'pozizzjoni li jinvokaw il-legittima difesa jew li gew provokati.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet Pubbliku)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, l-imputati ser jigu misjub hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Kliem Oxxen fil-Pubbliku)</u>:**
Illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hebb)</u>:**
Illi, mill-provi prodotti u tenut kont ta' dak kollu li jirrizulta mill-atti processwali, jirrizulta sodisfacentement pruvat li effettivament l-imputati hebbew ghal Benny Zammit u Kenneth Micallef u b'hekk l-imputati ser jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ingurja u Theddid)</u>:**
Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax u ghaldaqstant l-imputati ser jigu liberati minnha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hebb u Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Benny Zammit)</u>:**
Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad hawn fuq fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, fir-rigward ta' dik il-parti tal-hames (5) imputazzjoni fejn l-imputati qed jigu akkuzati li kkawzaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Benny Zammit, il-Qorti tinnota li minkejja gie prodott bhala xhud Dr. Michael Portelli, li xehed fuq ic-certifikat mediku rilaxxat minnu fir-rigward ta' Benny Zammit, ma jirrizultax minn fejn giet kagunata din il-ferita u ma jirrizultax anqas li lil Dr. Michael Portelli Benny Zammit qallu kif giet kagunata. Minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq

provi konkreti fl-atti. Ghaldaqstant, l-imputati m'humiex ser jinstabu hatja li kkagunaw ferita ta' natura hafifa fil-konfront ta' Benny Zammit.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputati u li jirrizultaw pruvati. Tenut kont ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundannna liz-zewg imputati ghall-hlas ta' ammenda kull wiehed.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputati hatja tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk tilliberahom mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Geraldine Sammut u Christian Micallef hatja tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom kull wiehed ghall-hlas ta' ammenda komplessiva ta' hamsin Euro (€50.00).

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hatja b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Benny Zammit u Kenneth Micallef.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**